**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-GIMGHA 15 TA' FRAR, 2002

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 2047/01AE**

**Direct Supplies and Marketing Ltd**

**vs**

**Kunsill Lokali Cospicua**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm226.67), bilanc ta' somma akbar ghall-konsenja ta' affarijiet ordnati u konsenjati.

Ra li l-Kunsill konvenut ghalkemm notifikat, ma deherx u lanqas ma jirrizulta li kkontesta l-kawza.

Ra n-nota prezentata fis-seduta tal-lum mis-socjeta attrici, li permezz taghha rrinunzjat ghas-sorte u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghax.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici stante hlas fil-mori, jikkundanna lill-Kunsill Lokali Cospicua sabiex ihallas l-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma kollha ghak-karigu tal-Kunsill Lokali Cospicua.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**